# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD



Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com



**LEĦEN IL-PARROĊĊA - Marzu 2012 - Nru. 353**


Għeżież,

Ninsabu fi żmien ir-Randan. Huma erbgħin jum li jwassluna flimkien mal-Knisja Universali biex infakkru l-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu: Alla li sar bniedem għalina biex ikun jista' jbati u jmut, għax bħala Alla ma setax ibati u jmut. Minn hawn aħna nibdew nindunaw kemm aħna prezzjużi għaliH.

Ma kinitx ħafifa għal Ġesu' li bħala bniedem jagħmel ir-rieda tal-Missier. Ġesu' beża' u tkexkex bil-ħsieb tal-mewt li kellu jgħaddi minnha, u fil-Ġetsemani narawh iniżżel rasu għar-Rieda ta' Missieru. Ġesu' kien iħobb imur jitlob fil-Ġetsemani, iżda hawnhekk sewwed qalbu, u beża' meta ħass il-mewt quddiemu. Tassew li Ġesu' kien jaf li kellu jbati u jmut għall-bnedmin, imma l-ħsieb tal-mewt ibeżża'. F'din is-sitwazzjoni li Ġesu' sab ruħu, huwa talab b'wiċċu fl-art b'sinjal ta' umilta'. Il-Missier ma' ħelsux minn dik it-tbatija, imma bħala bniedem bagħtlu anġlu biex ifarrġu.

Mela li Ġesu' jagħmel ir-rieda ta' Missieru ma kinitx ħafifa, anzi kienet iebsa ħafna. Lanqas ma hi ħafifa li aħna nagħmlu r-rieda ta' Missierna tas-Sema, anzi iebsa, għax trid tmur kontra r-rieda tiegħek biex tagħmel dik tal-Missier.

Ejjew mela f'dan iż-żmien tar-Randan inwarrbu r-rieda tagħna billi nrażżnu l-ġibdiet ħżiena kollha tagħna biex nagħmlu dak li jitlob minna l-Missier, billi ngħixu l-Kmandamenti. Ġesu' talab u baqa' jitlob bil-ħeġġa u baxxa rasu għar-Rieda tal-Missier. ***Jien u int, x'ser nagħmlu?***

Tkunu mbierkin!

P. Joseph Mamo ofm Conv. - Kappillan

## Ħsieb Spiritwali

# Il-Beatu Ġwanni Pawlu 11 – *Il-Vokazzjoni*

Meta fl-1938 Karol Wojtyla ħalla Wadowice ma’ missieru biex mar Krokow, hemmhekk huwa daħal l-universita’, waqt li ħadem ta’ librar voluntier u kellu jidħol bilfors jagħmel taħriġ militari, għalkemm dejjem irrifjuta li jispara armi. Hawnhekk beda wkoll jaħdem fi gruppi teatrali u jikteb id-drammi. Kellu talent kbir għall-lingwi, tant li tgħallem numru sew ta’ lingwi barranin, li xi tmienja minnhom kien juża meta mbagħad sar Papa.

Fl-1939, sentejn qabel miet missieru, in-Nazi daħlu jokkupaw il-Polonja, għalqu l-universita’ li kien jattendi, arrestaw lil professuri kollha u jew qatluhom jew bagħtuhom fil-kampijiet. L-irġiel kollha li kienu b’saħħithom ġew sfurzati jaħdmu, u bejn l-1940 u l-1944 Karol ħadem bħala messaġġier għal restaurant, bħala ħaddiem ġo minjiera tal-ġebel u ġo fabbrika tal-kimiċi. Dan għamlu biex jevita li jkun deportat lejn il-Ġermanja. Karol kien imnikket wisq jara lil pajjiżu okkupat għal darb’oħra. Wara l-mewt ta’ missieru, beda jaħseb sew dwar is-saċerdozju.

Huwa qal hekk- *‘Il-vokazzjoni saċerdotali tiegħi waslet għall-kobor sħiħ tagħha fi żmien it-tieni gwerra dinjija, fi żmien l-okkupazzjoni Nażista ta’ pajjiżi. Żgur li fil-pjan ta’Alla xejn ma jsir bla ħsieb. Dak li nista’ ngħid hu li t-traġedja tal-gwerra tat sura partikulari lill-proċess tal-kobor sħiħ tiegħi fl-għażla ta’ ħajti. Quddiem id-deni kollu li kien qed jinxtered, u quddiem il-ħruxija tal-gwerra, bdejt nara dejjem aktar ċar xi jfisser is-saċerdozju u xi tfisser il-missjoni tiegħu fid-dinja.’* F’Ottubru 1942, mar iħabbat il-bieb tal-palazz tal-Arċisqof ta’ Krakow, u staqsa biex jibda jistudja għas-saċerdozju. Malajr beda l-kors fis-seminarju sigriet li l-Arċisqof Adam Stefan Sapieha kien qiegħed imexxi taħt l-art.

Dan l-istess Arċisqof kien żar l-iskola ta’ Karol meta Karol kien għadu tifel fis-sekondarja. Karol kien ġie magħżul biex jagħmillu d-diskors ta’ merħba. L-Arċisqof tant kien għoġbu d-diskors illi kien staqsa lil kappillan jekk dak il-ġuvnott kienx imħajjar isir saċerdot.

Imma kienu qalulu li Karol kellu qalbu marbuta mat-teatru u r-reċtar.



Fi Frar 1944, Karol ġie mtajjar minn trakk mimli suldati Germaniżi.

Dam l-isptar xi ġimagħtejn biex fieq minn concussion qawwija u spalla mweġġgħa. Dan l-aċċident u l-fatt li salva minnu qishom ikkonfermawlu l-vokazzjoni tiegħu.

Fl-1945 il-Germaniżi ħarbu minn Krakow, u l-istudenti seminaristi reġgħu daħlu fis-seminarju meqrud. Karol u wieħed minn sħabu s-seminaristi offrew li jagħmlu biċċa xogħol li ħadd ma ried jagħmilha – inaddfu t-toilets mill-ħmieġ li kien ilu jinġemgħa s-snin. Karol salva wkoll tfajla Lhudija li ħarbet minn kamp tax-xogħol Nażist. Fil-fatt huwa ipproteġa diversi Lhud Pollakki mill-kefrija tan-Nażisti. Il-kuntatt mal-Lhud kien ilu hemm – meta kien tifel u fl-iskola kienu jorganizzaw partiti tal-futboll bejn il-Kattoliċi u l-Lhud, Karol kien sikwit jagħżel li jilgħab man-naħa tal-Lhud, li kienu dejjem f'minoranza. Darba, ħabib Lhudi ta' Karol, Jerzy Kluger, sar jaf li kien se jkun fl-istess klassi ma' Karol fis-sena skolastika li jmiss. Ried imur jagħti l-aħbar lil Karol, li iżda kien qiegħed abbati waqt il-quddiesa. Il-Lhudi daħal fil-knisja, fost il-ħars ikrah ta' wħud mill-Pollakki preżenti, u stenna lil ħabibu joħroġ. Meta kellmu u qallu li kien hemm min ma riedx Lhudi fil-knisja, Karol wieġeb: *'Għaliex? Aħna mhux ilkoll ulied Alla?'*.

*Dan l-artiklu huwa t-tielet wieħed minn sensiela li għandna dwar il-Beatu Gwanni Pawlu 11…..…inkomplu xahar ieħor*

# Ħajja u Ħidma

**Il-Ġimgħa 2** Inġeddu l-Konsagrazzjoni tagħna lil Qalb ta' Ġesu'. Fis-7.30pm – Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 3** Bejn l-10.00am u nofs in-nhar il-Librerija fiċ-Ċentru Parrokkjali tkun miftuħa. Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni fil-Knisja fl-okkażjoni tal-Ewwel Sibt tax-xahar f'ġieħ il-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija.

**Il-Ħadd 4** Fis-1.30pm tluq għall-Għolja tas-Salib fis-Siġġiewi fejn issir il-Via Sagra. Min jixtieq jattendi jħalli ismu fis-sagristija.

**It-Tnejn 5** Fl-4.30pm Bidu tal-Eżerċizzi għat-Tfal tad-Duttrina fiċ-Ċentru Parrokkjali. Imexxi Bro.Etienne Gilson ofm.Conv.

Fis-7.00pm Bidu tal-Eżerċizzi għall-Miżżewġin fil-Parroċċa, minn Mons.Louis Camilleri, Ex-Direttur tal-Moviment ta' Kana.

**Il-Ħamis 8** 75 sena mit-Twaqqif tal-MUSEUM bniet f'Burmarrad. 6.15pm Quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali u ġabra fil-quddiesa b'risq il-Mużew. Il-ġenituri u t-tfal mistednin jattendu.

**Il-Ġimgħa 9** Fis-7.30pm Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħadd 11** Fl-10.30am laqgħa tal-Gruppi Familji Nsara f iċ-Ċentru Parrokkjali.

**It-Tnejn 12** Fis-6.15pm fil-Quddiesa jsiru l-Eżerċizzi ta' Kulħadd, bi ħsieb wara l-Vanġelu minn P.Antoine Apap ofm.Conv..

**Il-Ġimgħa 16** 7.30pm Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 17 u l-Ħadd 18**
F'dan il-WeekEnd ikunu fostna s-Seminaristi tal-Arċidjoċesi ta' Malta fejn issir il-ġabra għas-Seminarju li ssir f'dan iż-żmien tar-Randan.

**It-Tnejn 19** Solennita' tal-Patrijarka San Ġużepp.

**L-Erbgħa 21** Fit-8.30am Tluq minn ħdejn il-Parroċċa għar-Redentur tal-Isla. Min jixtieq jattendi jħalli ismu fis-sagristija.

Fl-4.30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali ssir it-Tieni Laqgħa għall-ġenituri li t-tfal tagħhom ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.

Illum ukoll issir l-Ewwel Qrara tat-Tfal tal-Preċett fl-istess Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ġimgħa 23** 7.00pm It-Tieni Laqgħa għall-ġenituri li t-Tfal tagħhom ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 24** Fis-7.00pm jittellgħa d-Dramm tal-Passjoni, bl-isem L-Għuda, miż-Żgħażagħ tal-Parroċċa fil-Knisja Parrokkjali.

Infakkru li matul dan il-lejl naqilbu għall-ħin tas-sajf.

**Il-Ħadd 25** Fis-7.30pm Tluq għal gżira t'Għawdex. Malli naslu, nibdew il-Via Sagra lejn l-Għolja ta' Għammar. Kif tispiċċa l-Via Sagra, tiġi ċċelebrata quddiesa. Niġu lura fil-għaxija.

Infakkru li mill-lum il-quddiesa ta' fil-għaxija tibda tkun fis -7.00pm sakemm nerġgħu lura għall-ħin tax-xitwa.

**It-Tlieta 27** Fis-6.00pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-Knisja Parrokkjali.

**L-Erbgħa 28** Fil-5.30pm Quddiesa għat-tfal tad-Duttrina fil-Knisja Parrokkjali. It-tfal huma mħeġġa biex iġibu l-Karus tas-Sagrifiċċju sabiex jingħata fl-offerti lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza.

**Il-Ġimgħa 30** Jum id-Duluri. Ara l-programm fl-aħħar paġna.

**Is-Sibt 31 u** l-Ħadd 1

Issir il-ġabra b'risq il-parroċċa tagħna.

F'dan il-weekend ikollna wkoll il-Bazaar tal-Għid.

# 75 sena ta' Ħidma

Għeżież parruċċani ta' Burmarrad, nixtiqukom tifirħu magħna membri bniet tas-soċjeta tal-Museum, li Alla għoġbu jinqeda bina tul dawn il 75 sena permezz tat-tagħlim nisrani lill-kbar u liż-żgħar.

Il-Museum f'Burmarrad beda jaqdi l-missjoni ta' tagħlim fit-8 ta' Marzu 1937, jiġifieri 30 sena wara li nfetaħ l-ewwel qasam minn Dun Ġorġ fil-Ħamrun San Ġorġ Preca ġie tlett darbiet jippriedka fis-sajda f'Burmarrad. Fit-18 ta' April 1939, hu żar il-qasam u bierku. Il-membri bniet kienu numerużi. Uħud minnhom ħaddnu l-vokazzjoni reliġjuża u oħrajn iżżewwġu.

Bejn Marzu ta' l-1941 u l-15ta' April ta' l-1955, il-qasam fil-għodu serva ta' skola, u għat-tagħlim tad-duttrina għal wara nofs-in-nhar.

Ma ninsewx li l-knisja f'Burmarrad inbniet għoxrin sena wara l-ftuħ tal-qasam. L-altar li għandna fil-qasam intuża mill-knisja għall-ewwel Quddiesa fis-6 ta' Marzu 1958 u baqa' jintuża sal 1963.

Il-qasam kien onorat bil-vista ta' Dun Ġorġ Preca fl-1939, ta' l-Isqof Mikiel Gonzi fis-sitta ta' Jannar 1947. Fil-vista Pastorali ta' l-2001 kellna ż-żjara ta' Mons. Annettu Depasquale fid-29 ta' Novembru , fil-waqt li fil-vista Pastorali ta' 2010, kellna lill-Arċisqof Pawlu Cremona li żar il-qasam fil-25 ta' Frar.

Illum il-membri li jattendu huma ftit. Magħna għandna katekisti ġenerużi li qed jagħtu s-sehem tagħhom fit-tagħlim. Itolbu magħna biex żagħżagħ iwieġbu għal din is-sejħa Museumina u jingħaqdu mas-soċjeta tal-Museum biex Kristu jkun magħruf u maħbub.

Il-Paċi magħkom,
Is-superjura u l-membri.

# FORMAZZJONI TAGĦNA U TA' ULIEDNA

## Jien kif qed insuqu l-vapur tal-ħajja tiegħi?

Għalkemm għadda fuq xahar mill-inċident tal-Costa Concordia, u għalkemm ktibt xi riflessjonijiet dwar din is-sitwazzjoni ix-xahar l-ieħor, jiena dan l-inċident ħassibni ħafna u bqajt nirrifletti fuqu. Ħsibt li nerġa' naqsam dawn il-ħsibijiet magħkom għax naħseb li lkoll għandna x'nitgħallmu minn din is-sitwazzjoni.

Laqtitni ħafna l-attitudni tal-kaptan tal-vapur, li kellu rwol importanti ħafna f'din it-traġedja. L-ewwel nett kien bi sfida jew ċajta, sejħilha li trid, illi għamel ma sħabu li seħħ dan kollu. Kif għedna x-xahar l-ieħor dan żgur qatt ma basar illi dan kien se jkun ir-riżultat ta' din iċ-ċajta, izda l-affarijiet qabel trid tarahom, aktar u aktar meta bħal dan il-Kaptan tkun qed iġġorr ir-responsabbilta' mhux tiegħek biss iżda ta' ħafna oħrajn ukoll. Issa għalxejn jgħid 'x'biċċa ġratli'; għalxejn jgħid 'x'fettilli?'. Issa tard wisq. Il-konsegwenzi ta' dak li nagħmlu qabel irridu nqisuhom. U dan japplika wkoll għalina, kif ukoll għal dak li qed nippruvaw ngħaddu u ngħallmu lil uliedna. Illum donnu qed ngħixu f'soċjeta' fejn huwa aċċettabbli li l-ewwel infattarha mbagħad nara wara. Spiċċa ż-żmien fejn l-ulied ma jagħmlux xi ħaġa għax jibżgħu minn dak li ser jgħidulhom il-ġenituri tagħhom; u propju għalhekk nemmen li sar aktar importanti li lil uliedna ngħallmuhom iqisu mitt darba u jaqtgħu darba; irridu nuruhom illi kull deċiżjoni li jieħdu fil-ħajja tagħhom fiha konsegwenzi u dawn il-konsegwenzi ħafna drabi ma jirrigwardjawx lilhom infushom biss iżda lil ħaddieħor ukoll.

iebsa u s-suppervja ta' dan il-Kaptan. Meta nduna x'ġara hu ma talabx l-għajnuna mill-ewwel; prova jsolvi l-problema waħdu – forsi ħaseb li b'hekk ma jaqax għaċ-ċajt. Kien hemm ukoll punt meta ġie mistoqsi mill-awtoritajiet tal-port jekk kellhomx bżonn l-għajnuna iżda hu qallhom li kollox kien taħt kontroll u kull ma kien hemm kien 'blackout'. U r-riżultat ta' dan kien li ntilfu diversi ħajjiet! Meta smajt din il-biċċa ħassejtni rrabjata ħafna għal dan il-Kaptan. Biex min għalih isalva wiċċu qatel dawk in-nies kollha. Aħseb u ara l-membri tal-familji ta' dawk li tilfu ħajjithom x'ħassew!

Iżda ftakart ukoll f'dawk id-drabi meta jien ukoll ġibt ruħi bl-istess mod kif ġab ruħu dan il-Kaptan. Ftakart f'dawk id-drabi meta biex nagħmel ta' rasi, biex ma ndurx għand l-oħrajn għall-għajnuna bqajt għaddejja, bqajt ngħid li m'għandi bżonn lil ħadd. Min jaf kemm nagħmlu hekk anki fil-ħajja tagħna spiritwali. Inkunu nafu li maħniex nitolbu biżżejjed, inkunu nafu li qed inkaxkru saqajna f'dak li jirrigwardja l-fidi tagħna, iżda ma ndurux għand xi ħadd għall-għajnuna; nibqgħu naħsbu li nistgħu naslu weħedna. Jew meta jkollna problemi fir-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn – nibqgħu nimmaġinaw li l-problemi se jissolvew weħedhom u jkun hemm drabi meta l-għajnuna tkun biss pass il-bogħod, kif kienet għal dan il-Kaptan!

Daniella Zerafa

# Tajjeb Tkun Taf

- Il-Via Sagra tibda tkun flok it-Talba tar-Rużarju kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa.

- Wara l-assenza tal-Power Point fil-Quddies tal-Ħdud, minħabba li kien għad ma kellniex apparat, issa għandna Laptop mogħti minn benefattur u projector li inxtara bil-prezz ta' 355euro. Jekk hawn xi benefatturi li jixtiequ jgħinu biex jitħallas il-projector, jagħtu d-donazzjoni lil Kappillan.

- Fiċ-Ċentru Parrokkjali għadu kemm ġie stallat ukoll TV u CD Player għall-użu tal-laqgħat. Dawn ġew jiswew 750 euro. Kull donazzjoni biex jitħallas dan l-apparat tingħata lil Kappillan.

- 31 ta' Marzu u 1 t'April 2012 – Bazaar tal-Għid fejn issibu Figolli u Pjanti u diversi oġġetti oħra.

- Nhar it-Tnejn 2 t'April 2012, se ssir l-Ikla Lhudija fiċ-Ċentru Parrokkjali fit-8.00pm. Niżżlu isimkom fis-sagristija.

- Nhar l-Erbgħa 4 t'April 2012, se ssir il-Via Sagra Djoċesana mmexxija minn Mons.Arċisqof. Jekk tixtieq tattendi ħalli ismek fis-sagristija.

- Nhar il-ĦADD il-PALM it-Tfal huma mħeġġa jilbsu ta' tfal Lhud għal funzjoni li tibda fit-8.15am fuq iz-zuntier tal-Knisja. Għall-ilbies kellmu lis-Superjura Carmen Xuereb. Tħallux għall-aħħar